



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fis-27 ta' Jannar 2022¹

Kawża C-43/21

FCC Česká republika s.r.o.

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka))

“Talba għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2010/75/UE – Emissjonijiet industrijali – Prevenzjoni u tnaqqis integrati tat-tniġġis – Bidla sostanzjali ta' installazzjoni – Estensjoni tal-perijodu ta' rimi ta' skart f'landfill”

I. Introduzzjoni

1. Kif għandu jinftehem il-kunċett ta' “bidla sostanzjali” ta' installazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali²? B'mod iktar preċiż, l-estensjoni tal-perijodu, li matulu skart addizzjonali jista' jiġi ttrasferit f'landfill, għandha tiġi kkunsidrata bħala bidla sostanzjali tal-landfill meta din la tibdel is-superfċji massima approvata tal-iskart u lanqas il-kapaċità totali tal-landfill? Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għal din id-domanda f'din il-proċedura.

2. Il-portata tal-kunċett ta' “bidla sostanzjali”, li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tintrepreta għall-ewwel darba, tinsab fil-fatt li l-bidla sostanzjali ta' installazzjoni hija suġġetta għal rekwiżiti partikolari, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-parteċipazzjoni pubblika u l-protezzjoni ġuridika ta' terzi, skont l-Artikolu 20(2) kif ukoll l-Artikoli 24 u 25 tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali. Din l-interpretazzjoni tista' tkun iggwidata mill-ġurisprudenza tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent³ kif ukoll mill-Konvenzjoni ta' Aarhus⁴, li għet implimentata permezz tar-regoli ta' parteċipazzjoni pubblika u ta' protezzjoni ġuridika tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali.

¹ Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

² Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU 2010, L 334, p. 17, rettifika fil-ĠU 2012, L 158, p. 25).

³ Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2011, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44), emendata l-aħħar bid-Direttiva 2014/52/UE (ĠU 2014, L 124, p. 1).

⁴ Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali tal-1998 (ĠU 2005, L 124, p. 4), adottata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2006, L 164M, p. 17).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. *Id-dritt internazzjonali – Konvenzjoni ta' Aarhus*

3. Peress li r-regoli dwar il-parteċipazzjoni pubblika fid-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Aarhus, għandhom jitfakkru d-dispożizzjonijiet rilevanti tagħha.

4. L-għan tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirriżulta mill-Artikolu 1 tagħha:

“Sabiex tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-dritt ta' kull persuna ta' ġenerazzjonijiet preżenti u futuri li tgħix f'ambjent xieraq sabiex jiżgura s-saħħa u l-benesseri tagħha, kull Parti għandha tiggarrantixxi d-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent, ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirregola l-parteċipazzjoni pubblika fid-deċiżjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi:

“(1) Kull Parti:

(a) għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu meta tkun meħtieġa deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu awtorizzati jew le attivitajiet proposti tat-tip ta' attivitajiet elenkati fl-Anness I;

[...]

(4) Kull parti għandha ttipprovdi għal parteċipazzjoni pubblika fil-bidu tal-proċedura, jiġifieri meta l-għażliet u s-soluzzjonijiet kollha jkun għadhom possibbli u l-pubbliku jkun jista' jeżerċita influwenza effettiva.

[...]

(6) Kull parti għandha titlob lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti biex jagħmlu mod li l-pubbliku kkonċernat ikun jista' jikkonsulta [...] l-informazzjoni kollha li jkollha xi rilevanza għall-proċess deċiżjonali msemmi f'dan l-artikolu u li tista' tinkiseb fil-mument tal-proċedura ta' parteċipazzjoni pubblika [...]

[...]

(10) Kull Parti għandha tiżgura li, meta awtorità pubblika teżamina mill-ġdid jew taġġorna l-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata attività msemmija fil-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 sa 9 ta' dan l-artikolu jiġu applikati *mutatis mutandis* u fejn ikun hemm lok.

[...]” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6. Il-paragrafi l-oħra ta' din id-dispożizzjoni jirregolaw il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni pubblika u tal-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent tal-attività.

7. L-Anness I tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jindika l-attivitajiet suġġetti neċessarjament għall-parteċipazzjoni pubblika skont l-Artikolu 6(1)(a). Fir-raba' inċiż tal-punt 5 hemm elenkati l-“[l]andfills li jirċievu iktar minn 10 tunnelli kuljum jew kapacià totali ta' iktar minn 25 000 tunnelli, bl-esklużjoni ta' landfills tal-iskart inerti” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

8. Skont l-ewwel sentenza tal-punt 22 tal-Anness I tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, “[k]ull tibdil fi, jew tkabbir ta' attività, jekk it-tibdil jew tkabbir innifsu jilħaq il-limiti jew il-kriterji stabbiliti f'dan l-anness, għandu jitwettaq fl-osservanza tal-Artikolu 6(1)(a) ta' din il-Konvenzjoni” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

B. Id-dritt tal-Unjoni - Id-direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali

9. Il-premessa 18 tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali tippreċiża l-kunċett ta' bidla sostanzjali:

“Bidliet f'installazzjoni jistgħu jagħtu lok għal livelli oġġla ta' tniġġis. L-operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti b'kull bidla pplanata li tista' taffettwa l-ambjent. Bidliet sostanzjali għall-installazzjonijiet li jista' jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent m'għandhomx isiru mingħajr permess mogħti f'konformità ma' din id-Direttiva.”

10. Skont il-premessa 27 tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni pubblika u l-protezzjoni ġuridika jimplementaw il-Konvenzjoni ta' Aarhus:

“F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus [...], il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, il-parteċipazzjoni effettiva min-naħa tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet tgħin lill-pubbliku biex jesprimi, u lil min jieħu d-deċiżjonijiet li jqis, l-opinjonijiet u t-tħassib li jistgħu jkunu rilevanti għal dawk id-deċiżjonijiet, biex b'hekk jizziedu l-kontabbiltà u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u jikkontribwixxu għall-għarfien mill-pubbliku tal-kwistjonijiet ambjentali u l-appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda. Il-membri tal-pubbliku kkonċernati għandu jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa xieraq għas-saħħa u l-benesseri personali.”

11. L-għan tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali huwa definit fl-Artikolu 1 tagħha:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati ta' tniġġis li jinħoloq mill-attivitajiet industrijali.

Tippreskrivi wkoll regoli maħsuba għall-prevenzjoni jew, meta dan ma jkunx prattiku, għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art u għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu.”

12. L-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jiddefinixxi l-kunċett ta' “bidla sostanzjali” bħala li “tfisser bidla fin-natura jew it-tħaddim, jew estensjoni, ta' installazzjoni jew impjant ta' kombustjoni, impjant tal-inkinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart li jista' jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent”.

13. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jirregolaw n-neċessità ta' permess:

“L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ebda installazzjoni [...] ma jitħaddem mingħajr permess.

[...]”

14. Landfill b'kapaċità ta' rimi ta' iktar minn 10 tunnellati kuljum jew b'kapaċità totali ta' iktar minn 25 000 tunnellata, bl-eċċezzjoni ta' landfill għal skart inerti, jikkostitwixxu skont l-Artikolu 3(3) u l-punt 5.4 tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali u l-Artikolu 2(g) tad-Direttiva dwar il-landfill⁵ installazzjoni fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali.

15. L-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jikkonċerna l-bidliet fl-installazzjoni:

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull bidla pjanata fin-natura jew il-funzjonament, jew estensjoni tal-installazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent. Meta jkun il-każ, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ebda tibdil sostanzjali pjanat mill-operatur ma jsir mingħajr permess maħruġ skont din id-Direttiva.

L-applikazzjoni għal permess u d-deċiżjoni mill-awtorità kompetenti għandhom ikopru dawk il-partijiet tal-installazzjoni u dawk id-dettalji elenkati fl-Artikolu 12 li jistgħu jiġu effettwati mill-bidla sostanzjali.

3. Kwalunkwe bidla fin-natura jew fil-funzjonament jew estensjoni ta' installazzjoni għandha titqies li tkun sostanzjali jekk il-bidla jew l-estensjoni fiha nfusha tilħaq il-limiti tal-kapaċità stabbiliti fl-Anness I.”

16. Skont l-Artikolu 24(1)(b) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, il-pubbliku kkonċernat għandu jkun inkluż fi żmien bikri u b'mod effettiv fil-proċedura għall-ħruġ ta' permess għal bidliet sostanzjali ta' installazzjoni. Skont l-Artikolu 25, l-istħarriġ tal-legalità fir-rigward tal-mertu u tal-proċedura ta' dan il-permess jista' jintalab mill-membri tal-pubbliku kkonċernat.

III. Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

17. FCC Česká republika hija kumpannija kummerċjali Ċeka, li abbażi ta' permess għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, topera landfill fid-distrett ta' Ďáblice fi Praga.

⁵ Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 228, rettifika fil-ĠU 2018, L 91, p. 30), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2011/97/UE tal-5 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Direttiva 1999/31/KE fir-rigward ta' kriterji speċifiċi għall-ħżin ta' merkurju metalliku meqjus bħala skart (ĠU 2011, L 328, p. 49).

18. Il-permess integrat għall-operat tal-landfill inħareġ fl-2007 u sussegwentement ġie emendat diversi drabi; b'mod partikolari, il-perijodu ta' rimi ta' skart ġie estiż darbtejn. Fl-aħħar tal-2015, FCC ippreżentat talba għat-13-il emenda tal-permess integrat quddiem il-Magistrát hlavniho města Prahy (l-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Praga), minħabba li l-kapaċità tal-landfill inizjalment prevista ma kinitx intlaħqet u li, skont il-permess eżistenti, ir-rimi ta' skart kellu jintemm fl-aħħar tal-2015. Fid-29 ta' Diċembru 2015, l-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Praga estendiet il-perijodu ta' rimi ta' skart għal sentejn. Din id-deċiżjoni ma taffettwax il-kapaċità totali tal-landfill u d-daqs massimu tagħha⁶.

19. Id-distrett tal-belt ta' Praga, li fih tinsab il-landfill, u assoċjazzjoni, li l-funzjoni prinċipali tagħha hija l-protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ kif ukoll tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'din il-protezzjoni, ressqu lment kontra d-deċiżjoni tal-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Praga. Il-konvenut, il-Ministerstvo životního prostředí (il-Ministeru għall-Ambjent), madankollu ċaħad l-ilment bħala inammissibbli minħabba li huma ma kinux ipparteċipaw fil-proċedura għall-bidla tal-permess integrat.

20. Iż-żewġ rikorrenti għalhekk ippreżentaw rikors kontra d-deċiżjoni tal-konvenut. Il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka) laqgħet ir-rikors, annullat id-deċiżjoni tal-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Praga u baġtet lura l-kawża quddiemha sabiex tiegħu azzjoni ulterjuri. Fil-fatt, sabiex tiġi evalwata l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti, huwa essenzjali li jsir magħruf jekk il-bidla tal-permess integrat awtorizzatx “bidla sostanzjali” tal-installazzjoni operata minn FCC. Imbagħad ikun jiddependi fuq min jista' jipparticipa fil-proċedura.

21. Il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) ikkonkludiet li l-portata ta' proġett tista' tiġi ddefinita *ratione temporis* u li l-estensjoni tal-perijodu operattiv ta' installazzjoni kellha tiġi kkunsidrata bħala bidla tal-portata tal-proġett. Għalhekk, li kieku l-operat tal-installazzjoni inizjalment ġie awtorizzat għal żmien determinat biss, l-effetti tiegħu fuq l-ambjent ma kinux jiġu evalwati wara t-tmiem tal-perijodu ta' operat awtorizzat, għaliex ma seta' jiġi previst ebda effett addizzjonali. L-estensjoni tal-perijodu ta' operat timplika estensjoni tal-ħsara għall-ambjent.

22. FCC ippreżentat appell ta' kassazzjoni mis-sentenza tal-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) quddiem in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka).

23. Huwa għalhekk li n-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema) tar-Repubblika Ċeka tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“Il-punt 9 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva [dwar l-emissjonijiet industrijali] għandu jiġi interpretat fis-sens li “bidla sostanzjali” ta' installazzjoni tfisser ukoll l-estensjoni tal-perijodu ta' ħżin f'terraferma [rimi ta' skart f'landfill], anki jekk fl-istess waqt ma jkun hemm ebda bidla fis-superfiċi massima approvata u lanqas fil-kapaċità totali permissibbli tat-terraferma?”

24. Ir-Repubblika Ċeka u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma ssirx seduta orali.

⁶ Il-permess ikkontestat jidher li huwa aċċessibbli fuq <https://ippc.mzp.cz/ippc/ippc.nsf/xsp/.ibmmodres/domino/OpenAttachment/ippc/ippc.nsf/215B32AAF47F72E0C1257F32002C2B15/Files/zmena%20IP.pdf>. Iktar dettalji dwar il-permessi maħruġa għal-landfill jinsabu fuq [https://www.mzp.cz/ippc/ippc4.nsf/\\$\\$OpenDominoDocument.xsp?documentId=4D88556E61533616C1257B82004CE066&action=openDocument](https://www.mzp.cz/ippc/ippc4.nsf/$$OpenDominoDocument.xsp?documentId=4D88556E61533616C1257B82004CE066&action=openDocument). Skont il-Kummissjoni, minn din id-data, il-perijodu ta' rimi ta' skart ġie estiż għal mill-inqas darba oħra għal sentejn. Għall-kuntrarju, l-aħħar bidla fil-landfill irrikonoxxuta bħala essenzjali ġiet deċiża fl-2009.

IV. Evalwazzjoni ġuridika

25. It-talba għal deċiżjoni preliminari hija intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk estensjoni tal-perijodu ta' rimi ta' skart f'landfill, mingħajr bidla fis-superfiċi massima approvata jew tal-kapaċità totali permissibbli tagħha, tikkostitwixxi bidla sostanzjali ta' din l-installazzjoni fis-sens tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali.

26. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-landfill ikkontestata kienet inizjalment awtorizzata skont id-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali. Għaldaqstant, u abbażi tal-informazzjoni disponibbli fuq l-internet⁷, għandu jiġi kkunsidrat li l-landfill hija suffiċjentement imdaqqsa sabiex taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, jiġifieri kapaċità ta' rimi ta' iktar minn 10 tunnelli ta' skart kuljum jew kapaċità totali ta' iktar minn 25 000 tunnelli.

27. Jekk l-estensjoni kkontestata tal-perijodu ta' rimi ta' skart tikkostitwixxi bidla sostanzjali, huwa neċessarju, skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, li jinkiseb permess taħt din id-direttiva. F'dan il-każ, il-proċedura amministrattiva jenħtieġ li tinkludi parteċipazzjoni pubblika (Artikolu 24), u l-membri tal-pubbliku kkonċernat jistgħu jitolbu sħarriġ ġudizzjarju tal-permess (Artikolu 25). Għall-kuntrarju, l-operatur jenħtieġ li jikkomunika bidliet oħra li jista' jkollhom effetti fuq l-ambjent lill-awtorità kompetenti biss (Artikolu 20(1)).

28. Peress li l-awtorità kompetenti fil-qasam tal-permessi ma kkunsidratx bidla sostanzjali fil-kawża prinċipali, ma saret ebda parteċipazzjoni pubblika. Jekk din l-evalwazzjoni kienet korretta, jidher li, fid-dritt Ċek, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkontestaw il-permess kontenzjuż u li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludix elementi li jippermettu li jiġi ppreżentat rikors iktar fid-dettall taħt id-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju jenħtieġ li ssir taf jekk il-permess kontenzjuż kienx jirrigwarda bidla sostanzjali.

29. Sabiex nirrispondi għal din id-domanda, se neżamina qabelxejn id-definizzjoni tal-bidla sostanzjali li tinsab fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali (ara A), u sussegwentement il-Konvenzjoni ta' Aarhus (ara B). Imbagħad se nippreċiża l-interpretazzjoni hekk żviluppata fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ (ara C).

A. L-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali

30. L-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jiddefinixxi bidla sostanzjali bħala bidla fin-natura jew fil-funzjonament, jew bħala estensjoni tal-installazzjoni li jista' jkollha effetti negattivi sinjifikattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.

31. Ċertament, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk il-ġurisprudenza tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent, li tipprovdi li t-tiġdid ta' permess li ma huwiex marbut ma' xogħlijiet jew ma' interventi li jbiddu r-realtà fiżika tas-sit ma jenhtiegħ evalwazzjoni ġdida tal-effetti fuq l-ambjent⁸, tistax tiġi trasposta għall-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet

⁷ Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, ara wkoll il-punti sussegwenti 54 sa 57.

⁸ Sentenzi tas-17 ta' Marzu 2011, *Brussels Hoofdstedelijk Gewest et* (C-275/09, EU:C:2011:154, punt 24), u tad-19 ta' April 2012, *Pro-Braine et* (C-121/11, EU:C:2012:225, punt 32).

industrijali. Madankollu, din il-ġurisprudenza hija bbażata fuq id-definizzjoni tal-proġett li tinsab fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent⁹, li hija iktar restrittiva mid-definizzjoni ta' bidla sostanzjali skont id-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali.

32. Il-kunċett ta' proġett jinkludi, skont l-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent, it-tweġġ ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' installazzjonijiet oħra u interventi oħra fin-natura u l-pajsaġġ naturali inklużi dawk intiżi għall-użu tar-riżorsi tal-art. Għalhekk dan jirreferi espressament għal xogħlijiet jew interventi.

33. Għall-kuntrarju, id-definizzjoni tal-bidla sostanzjali li tinsab fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali tuża termini iktar astratti, jiġifieri l-bidla tan-natura jew tal-funzjonament kif ukoll l-estensjoni tal-installazzjoni. Dawn il-kunċetti jistgħu jkunu s-suġġett ta' interpretazzjoni iktar miftuħa.

34. Konsegwentement, il-ġurisprudenza dwar id-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent ma għandhiex tiġi trasposta direttament.

35. Xorta jibqa' l-fatt li s-sempliċi estensjoni tal-perijodu ta' rimi ta' skart addizzjonali, mingħajr madankollu ma tinbidel fl-istess ħin is-superfiċji massima approvata tal-landfill jew il-kapaċità totali permissibbli tagħha, ma tbiddilx il-funzjonament jew in-natura tal-landfill.

36. L-estensjoni lanqas ma testendi l-landfill mill-perspettiva ġeografika jew territorjali prevista. Madankollu, hija tippermetti biss tkabbir tas-superfiċji tal-iskart effettivament mormi, ta' madwar 50 000 tonnellata ta' skart addizzjonali¹⁰ li ma jistax jibqa' jiġi mormi iktar hemmhekk mingħajr estensjoni.

37. Fi kwalunkwe każ, din l-estensjoni tikkostitwixxi estensjoni *ratione temporis* tal-operat tal-landfill¹¹. Ċertament, tali bidla *ratione temporis* ma hijiex fil-qalba tat-tifsira letterali tal-kunċett ta' "estensjoni". Din it-tifsira ma tkunx tikkorrispondi biss għall-kunċett ta' "tkabbir" fil-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża¹² biss. Madankollu, dan il-kunċett ma jeskludix neċessarjament li l-estensjoni ta' permess tista' titqies bħala estensjoni *ratione temporis* tal-operat ta' installazzjoni.

38. Din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' estensjoni hija ġġustifikata mill-għan tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali. Skont l-Artikolu 1, l-għan tagħha huwa l-prevenzjoni u t-tnaqqis integrati tat-tniġġis permezz ta' miżuri intiżi sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-attivitajiet, elenkati fl-Anness I tad-Direttiva, fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija, sabiex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent¹³. Peress li l-għan tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet

⁹ Sentenzi tas-17 ta' Marzu 2011, Brussels Hoofdstedelijk Gewest *et* (C-275/09, EU:C:2011:154, punti 20 *et seq.*), u tad-19 ta' April 2012, Pro-Braine *et* (C-121/11, EU:C:2012:225, punt 31).

¹⁰ Ara p. 4 tad-deċiżjoni kkontestata, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

¹¹ Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2018:972, punt 101).

¹² Kemm il-verżjoni Ingliża kif ukoll dik Franċiża jużaw it-terminu "extension".

¹³ Sentenzi tat-22 ta' Jannar 2009, Association nationale pour la protection des eaux et rivières u Association OABA (C-473/07, EU:C:2009:30, punt 25, ara wkoll punt 40); tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 72); tal-15 ta' Diċembru 2011, Møller (C-585/10, EU:C:2011:847, punt 29); kif ukoll tal-15 ta' Jannar 2013, Borealis *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 108).

industrijali huwa definit b'mod wiesa'¹⁴, il-kunċett ta' bidla sostanzjali ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv. Għall-kuntrarju, l-għan ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent jenħtieġ li jkun essenzjali.

39. Il-premessa 18 tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali turi dan ukoll. Il-bidliet sostanzjali huma kkaratterizzati biss mill-fatt li jista' jkollhom effetti negattivi sinjifikattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. Ma tissemma l-ebda bidla fil-funzjonament u fin-natura tal-installazzjoni jew tal-estensjoni tagħha. Dawn il-punti ta' referenza l-oħra ta' bidla, li jinsabu fid-definizzjoni tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, għandhom għalhekk jinftiehem mhux b'mod restrittiv, iżda wiesa', jiġifieri billi jiġu spjegati l-bidliet permissibbli b'mod eżawrjenti.

40. Minn naħa, il-limitazzjoni tal-kunċett ta' bidla sostanzjali għandha fuq kollox titfittex fl-effetti addizzjonali possibbli tal-attività fuq l-ambjent. Huma biss il-bidliet, li meta mqabbla mal-istat li kien jeżisti qabel, ma jistax ikollhom effetti negattivi sinjifikattivi addizzjonali fuq is-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, li ma humiex sinjifikattivi. Min-naħa l-oħra, il-bidliet li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi addizzjonali jenħtieġu attenzjoni ikbar sabiex jiġi garantit livell għoli ta' protezzjoni.

41. Konsegwentement, bħala konklużjoni intermedja, għandu jiġi kkunsidrat li s-sempliċi estensjoni tal-perijodu ta' rimi ta' skart mingħajr bidla tas-superficij massima approvata tal-landfill jew tal-kapaċità totali permissibbli tagħha, fis-sens ta' estensjoni *ratione temporis* tal-operat tal-installazzjoni, tista' tikkostitwixxi bidla sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, peress li jista' jkollha effetti negattivi sinjifikattivi addizzjonali fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent.

B. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus

42. Din l-interpretazzjoni hija wkoll konformi mal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Skont l-Artikolu 1 tagħha, din hija intiża sabiex tiggarrantixxi l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet. L-Artikolu 6 jipprevedi, għal dan il-għan, ċerti regoli ta' parteċipazzjoni pubblika. Skont ir-raba' inċiż tal-punt 5 tal-Anness I tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-landfill b'kapaċità ta' rimi ta' iktar minn 10 tunnelli kuljum jew b'kapaċità totali ta' iktar minn 25 000 tunnelli huma suġġetti għal dawn ir-regoli.

43. Peress li d-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali timmira għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar il-parteċipazzjoni pubblika skont il-premessa 27 u li l-kunċett ta' bidla sostanzjali jiddetermina l-portata tal-parteċipazzjoni pubblika, l-imsemmija konvenzjoni jenħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett f'din id-direttiva¹⁵.

44. Skont l-Artikolu 6(10) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, kull parti kontraenti għandha tiżgura li meta l-kundizzjonijiet tal-operat tal-attivitajiet suġġetti għall-Artikolu 6 jiġu vverifikati jew aġġornati minn awtorità pubblika, ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni pubblika japplikaw *mutatis mutandis* u sa fejn dan ikun xieraq.

¹⁴ Sentenzi tat-22 ta' Jannar 2009, Association nationale pour la protection des eaux et rivières et Association OABA (C-473/07, EU:C:2009:30, punt 27), u tal-15 ta' Diċembru 2011, Møller (C-585/10, EU:C:2011:847, punt 31).

¹⁵ F'dan is-sens, ara s-sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, Križan et (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 77). Ara wkoll, fir-rigward tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent, is-sentenzi tat-12 ta' Mejju 2011, Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland, Landesverband Nordrhein-Westfalen (C-115/09, EU:C:2011:289, punt 41), u tas-16 ta' April 2015, Gruber (C-570/13, EU:C:2015:231, punt 34).

45. Il-prassi tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus¹⁶, approvata mill-partijiet kontraenti, inkluża l-Unjoni, tipprovdi elementi importanti għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

46. Il-Kumitat għall-Konformità jqis li l-perijodu ammissibbli ta' attività jikkostitwixxi b'mod ċar kundizzjoni ta' operat għal din l-attività, u din hija waħda ta' importanza. Għaldaqstant, kull bidla f'dan il-perijodu, kemm jekk tkun fi tnaqqis jew f'estensjoni, tikkostitwixxi verifika jew aġġornament tal-kundizzjonijiet tal-operat ta' din l-attività fis-sens tal-Artikolu 6(10) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus¹⁷.

47. Ċertament, l-Artikolu 6(10) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jeżiġi l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-parteċipazzjoni pubblika *mutatis mutandis* biss u sa fejn dan huwa xieraq. Madankollu, il-Kumitat għall-Konformità jqis li d-derogi mill-applikazzjoni tal-Artikolu 6 huma xierqa biss meta bidla fil-perijodu awtorizzat tkun biss għal żmien qasir u manifestament ma jkollhiex effetti jew ikollha effetti insinjifikattivi biss fuq l-ambjent¹⁸.

48. Għalkemm din l-affermazzjoni hija, *prima facie*, usa' mill-interpretazzjoni li għadni kif tajt tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, xorta jibqa' l-fatt li għall-Kumitat għall-Konformità, l-effetti potenzjali fuq l-ambjent huma kriterju ċentrali ta' distinzjoni¹⁹.

C. Evalwazzjoni tal-effetti sinjifikattivi potenzjali fuq l-ambjent

49. Madankollu, sabiex tingħata risposta għad-domanda preliminari, għandha tiġi eżaminata wkoll l-evalwazzjoni, abbażi tal-permess kontenzjuż, ta' effetti sinjifikattivi addizzjonali fuq l-ambjent, peress li dawn l-effetti jippermettu li ssir distinzjoni bejn bidliet sostanzjali u dawk mhux sostanzjali tal-installazzjoni.

50. L-effetti ambjentali ta' landfill huma bbażati, minn naħa, fuq ir-rimi tal-iskart, kif tenfasizza r-Repubblika Ċeka. B'mod partikolari, fil-każ ta' ħsarat fil-kostruzzjoni tal-landfill, l-iskart jista' jaffettwa l-ilma ta' taħt l-art jew, fil-każ ta' kopertura insuffiċjenti, jikkontamina artijiet oħra. Bl-istess mod, it-tipi ta' skart mormi flimkien b'mod mhux rilevanti jistgħu jagħtu lok għal reazzjonijiet kimiċi dannużi jew għal proċessi bijoloġiċi li jikkawżaw effetti negattivi fuq l-ambjent. Madankollu, dawn l-effetti negattivi mhux ser jinbidlu minħabba estensjoni

¹⁶ Aarhus Convention Compliance Committee (iktar 'il quddiem il-“Kumitat għall-Konformità”); ara f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Edwards (C-260/11, EU:C:2012:645, punt 8); kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Gemeinde Altrip *et* (C-72/12, EU:C:2013:422, punt 101); tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża magħquda Il-Kunsill *et* vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2014:310, punt 114) u fil-kawża magħquda Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Stichting Natuur en Milieu u Pesticide Action Network Europe (C-404/12 P u C-405/12 P, EU:C:2014:309, punt 23); kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Folk (C-529/15, EU:C:2017:1, punt 86) u fil-kawża Stichting Varkens in Nood *et* (C-826/18, EU:C:2020:514, punt 77).

¹⁷ Konstatazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-4 ta' Ottubru 2018, Stichting Greenpeace Netherlands vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (l-impjant nukleari ta' Borssele) (ACCC/C/2014/104, ECE/MP.PP/C.1/2019/3, punt 65); tad-19 ta' Awwissu 2019, Cummins vs L-Irlanda (il-barriera ta' Trammon) (ACCC/C/2013/107, ECE/MP.PP/C.1/2019/9, punt 79); u tas-26 ta' Lulju 2021, OEKOBUERO *et* vs Ir-Repubblika Ċeka (l-impjant nukleari ta' Dukovany) (ACCC/C/2016/143, ECE/MP.PP/C.1/2021/28, punt 97).

¹⁸ Konstatazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-4 ta' Ottubru 2018, Stichting Greenpeace Netherlands vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (l-impjant nukleari ta' Borssele) (ACCC/C/2014/104, ECE/MP.PP/C.1/2019/3, punt 71); tad-19 ta' Awwissu 2019, Cummins vs L-Irlanda (il-barriera ta' Trammon) (ACCC/C/2013/107, ECE/MP.PP/C.1/2019/9, punt 83); u tas-26 ta' Lulju 2021, OEKOBUERO *et* vs Ir-Repubblika Ċeka (l-impjant nukleari ta' Dukovany) (ACCC/C/2016/143, ECE/MP.PP/C.1/2021/28, punt 104).

¹⁹ Ara r-referenzi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18 kif ukoll il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tat-12 ta' Mejju 2011, Global 2000 (Friends of the Earth Austria) vs Is-Slovakkja (l-impjant nukleari ta' Mochovce) (ACCC/C/2009/41, ECE/MP.PP/2011/11/Add.3, punt 57), u tal-4 ta' Ottubru 2018, Fons de Defensa ambiental vs Spanja (Uniland Cementera) (ACCC/C/2013/99, ECE/MP.PP/C.1/2017/17, punt 85).

tal-perijodu ta' użu sakemm l-art u l-kapaċità tal-landfill kif ukoll il-miżuri neċessarji sabiex jiġu evitati ċerti effetti negattivi fuq l-ambjent jibqgħu l-istess. Minn din il-perspettiva, sempliċi estensjoni tal-permess ma hijiex impatt addizzjonali fuq l-ambjent.

51. Min-naħa l-oħra, kif tenfasizza l-Kummissjoni, anki l-vjeġġ ta' skart lejn il-landfill kif ukoll kwalunkwe miżuri ta' ipproċessar jipproduċu effetti addizzjonali fuq l-ambjent. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat it-trasport, b'mod partikolari, kif ukoll il-fatt li landfill magħluqa *de lege artis* x'aktarx tipproduċi inqas emissjonijiet fl-arja minħabba l-kopertura kompleta, b'mod partikolari fir-rigward tal-irwejjaħ jew it-trabijiet offensivi, minn landfill li għadha mimlija bl-iskart. Tali effetti fuq l-ambjent marbuta mal-operat jiżdiedu, għall-inqas minn perspettiva *ratione temporis*, b'estensjoni tal-perijodu ta' rimi ta' skart addizzjonali. Dawn jaqgħu taħt il-kunċett ta' tniġġis imsemmi fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali.

52. Madankollu, kif għandu jiġi evalwat jekk dawn l-effetti addizzjonali fuq l-ambjent jilhqax il-livell ta' bidla sostanzjali tal-landfill?

1. Fuq il-limiti ta' kapaċità

53. F'dan ir-rigward, għandu jifakkar, qabelxejn, li l-Artikolu 20(3) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jiddefinixxi liema bidliet għandhom dejjem jitqiesu bħala sostanzjali. Dawn huma bidliet li jilhqax fihom infushom il-limiti ta' kapaċità stabbiliti fl-Anness I. Tali dispożizzjoni tinsab ukoll fil-punt 22 tal-Anness I tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Tali bidliet għandhom neċessarjament jitqiesu li għandhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

54. Fir-rigward tar-rimi ta' skart f'landfill, il-punt 5.4 tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jeżiġi żieda fil-kapaċità ta' kuljum ta' mill-inqas 10 tunnelli jew il-kapaċità totali ta' mill-inqas 25 000 tunnelli sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 20(3)²⁰.

55. L-effetti tat-trasferiment u tar-rimi ta' skart għal tul ta' żmien estiż ma jidhrux rilevanti fir-rigward ta' dan il-kriterju, peress li l-permess kontenzjuż ma jbidel la s-superfiċi u lanqas il-kapaċità totali tal-landfill. Konsegwentement, ir-Repubblika Ċeka tqis li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20(3) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali ma humiex issodisfatti.

56. Madankollu, fin-nuqqas tal-permess kontenzjuż, ma jkunx hemm lok għar-rimi addizzjonali tal-iskart. Konsegwentement, il-Kummissjoni tipproponi li tibbaża l-evalwazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-estensjoni tar-rimi fuq il-kapaċità residwa tal-landfill magħluqa abbażi tal-permess inizjali. Fil-fatt, din il-kapaċità residwa setgħet tiġi eżawrita biss grazzi għad-deċiżjoni dwar il-proroga.

57. Jidher li, fil-mument tal-estensjoni tal-landfill, madwar 50 000 tunnelli ta' skart²¹, kwantità ferm oġhla mil-limitu ta' kapaċità ta' 25 000 tunnelli previsti għal-landfill fir-raba' inċiż tal-punt 5 tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali. Jekk din l-informazzjoni hija eżatta, kwistjoni li jkun jenħtieġ li tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali, it-teżi tal-Kummissjoni twassal sabiex tiġi ammessa l-eżistenza ta' bidla sostanzjali neċessarjament.

²⁰ Għall-applikazzjoni tal-punt 22 tal-Anness I tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-istess limiti huma stabbiliti fir-raba' inċiż tal-punt 5 tal-Anness I.

²¹ Ara p. 4 tad-deċiżjoni kkontestata, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

2. Fuq il-prassi u l-ġurisprudenza rilevanti

58. Din il-kunsiderazzjoni hija konformi mal-prassi tal-Kumitat għall-Konformità²² u tidher, *prima facie*, li ssib ukoll sisien fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent.

59. Madankollu, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja invokata mill-Kummissjoni²³ hija inqas vijabbli milli tidher. Fil-fatt, it-tiġdid tal-permess ta' terminal tal-gass, eżaminat f'dan il-każ, kien kundizzjoni għat-twettiq ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni peress li l-permess mogħti preċedentement qatt ma ntuża.

60. Is-sitwazzjoni kienet simili fil-kawża Wells²⁴, li fuqha bbażat ruħha l-Qorti tal-Ġustizzja fl-imsemmija sentenza. Fil-fatt, il-kawża Wells kienet tirrigwarda barriera magħluqa għal żmien twil li ma setgħetx tintuża mill-ġdid mingħajr il-permess kontenzjuż.

61. Iż-żewġ każijiet huma kkaratterizzati għalhekk mill-fatt li l-permessi inkwistjoni jippermettu effetti fuq l-ambjent fundamentalment ġodda li ma kinux jeżistu qabel.

62. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ma talbitx evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent b'parteċipazzjoni pubblika fil-każ ta' tiġdid ta' permessi għall-użu tal-infrastrutturi eżistenti li ma jinvolvux xogħlijiet addizzjonali, bħall-permess għall-operat ta' ajruport²⁵ jew landfill²⁶.

63. Konsegwentement jidher li, meta l-persistenza tal-effetti fuq l-ambjent tibqa' sostanzjalment l-istess, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tarax il-ħtieġa li ssir evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent. Il-Qorti tal-Ġustizzja evidentement ma tqisx bħala determinanti l-fatt li dawn l-effetti fuq l-ambjent jibqgħu jiddiedu totalment fil-persistenza tagħhom.

64. Għaldaqstant, jekk wieħed jittrasponi dawn l-evalwazzjonijiet tal-ġurisprudenza dwar id-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent għad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, huwa dubjuż li hija biss il-possibbiltà tal-isfruttament persistenti tal-kapaċità residwa ta' landfill approvata diġà u operattiva li tista' tiġġustifika l-applikazzjoni tal-Artikolu 20(3) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali.

3. Fuq il-portata tal-permess inizjali

65. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent hija spjegata minn ipoteżijiet relatati mal-portata tal-permess inizjali, li fl-aħħar mill-aħħar jidderieġu l-mezz ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali wkoll.

²² Konstatazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tas-26 ta' Lulju 2021, OEKOBUERO *et vs* Ir-Repubblika Ċeka (l-impjant nukleari ta' Dukovany) (ACCC/C/2016/143, ECE vs MP.PP/C.1/2021/28, punt 99). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2018:972, punti 91 *et seq.*).

²³ Sentenza tad-9 ta' Settembru 2020, Friends of the Irish Environment (C-254/19, EU:C:2020:680, punti 43 sa 47).

²⁴ Sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02, EU:C:2004:12, punti 45 u 46).

²⁵ Sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, Brussels Hoofdstedelijk Gewest *et* (C-275/09, EU:C:2011:154, punt 24).

²⁶ Sentenza tad-19 ta' April 2012, Pro-Braine *et* (C-121/11, EU:C:2012:225, punt 32).

66. Fil-fatt, meta ċerti effetti ambjentali jkunu diġà ġew suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent fil-kuntest ta' dan il-permess, ma huwiex neċessarju, bħala prinċipju, li din l-evalwazzjoni tiġi repetuta waqt tiġdid ulterjuri tal-permess²⁷. Għall-kuntrarju, fil-każ fejn l-evalwazzjoni meħtieġa ma tkunx twettqet waqt permess preċedenti, jista' jkun neċessarju li jsir aġġustament ta' din l-evalwazzjoni waqt permess ulterjuri, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan il-permess ulterjuri, meħud waħdu, għandux ikun is-suġġett ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent²⁸.

67. Għaldaqstant, jeżistu wkoll elementi misluta mill-prassi tal-Kumitat għall-Konformità. Fil-fatt, dan ibbaża ruħu wkoll fuq il-kwistjoni dwar jekk, waqt parteċipazzjoni inizjali, il-pubbliku kienx informat dwar tiġdid potenzjali tal-permess fil-futur u għalhekk kellux il-possibbiltà li jesprimi ruħu fuq l-effetti ambjentali li kienu marbuta miegħu²⁹.

68. Fil-każ ta' tiġdid ta' permess għall-operat, id-distinzjoni bejn bidla sempliċi u bidla sostanzjali, fis-sens tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, tiddependi għalhekk mill-punt dwar jekk dan il-perijodu itwal jistax jipproduċi effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent li ma kinux koperti mill-permess inizjali u li għalhekk jeħtieġu evalwazzjoni mill-ġdid.

69. Fir-rigward ta' dan il-każ, ir-Repubblika Ċeka u FCC jsostnu, fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali, li t-tiġdid kontenzjuż tal-permess għar-rimi ta' skart kien diġà, sa mill-bidu, introdott fil-permess tal-landfill. Fil-fatt, il-parametru determinanti għall-perijodu tar-rimi tal-iskart ma kienx il-perijodu ta' validità tal-permess, iżda l-kapaċità totali prevista.

70. Din il-konklużjoni hija kkonfermata mill-fatt li r-rinunzja għat-tiġdid tidher li twassal prattikament għal ħtigiġiet oħra ta' bidla. Il-pjan ta' għeluq meħtieġ mill-Artikolu 7(g) tad-Direttiva dwar il-landfill jista' jkollu jiġi emendat sa fejn dan ikun jikkunsidra landfill kompletament mimlija. F'ċirkustanzi bħal dawn, anki materjal ieħor għajr l-iskart ikollu jimtela sabiex jiġi evitati effetti negattivi fuq l-ambjent.

71. Is-sitwazzjoni tkun differenti f'każijiet li jinvolvu t-tiġdid ta' permess maħruġ għal perijodu determinat u magħluq. Għalhekk, huwa konċepibbli li l-permess inizjali jkun ibbażat fuq perijodu massimu ta' operat speċifiku³⁰. L-istess ikun jenħtieġ li japplika għat-tkompliġa ta' soluzzjoni temporanja jew provviżorja. Bl-istess mod, it-tiġdid ta' permess antik, li kien għadu ma ġiex suġġett għal parteċipazzjoni pubblika u li l-effetti tiegħu ma kinux magħrufa sew għall-ewwel jew li l-kompatibbiltà tiegħu mal-istandards attwali hija dubjuża, għandu, bħala prinċipju, pjuttost jitqies bħala bidla sostanzjali.

72. Fil-qosor, l-effetti ambjentali addizzjonali huma kkaratterizzati mill-fatt li dawn ikunu għadhom ma ttieħdux inkunsiderazzjoni f'permess bikri tal-attività u tal-parteċipazzjoni pubblika organizzata għal din l-attività.

²⁷ Ara f'dan is-sens is-sentenzi tat-22 ta' Settembru 2011, Valčiukienė *et* (C-295/10, EU:C:2011:608, punti 61 u 62), u tal-10 ta' Settembru 2015, Dimos Kropias Attikis (C-473/14, EU:C:2015:582, punt 58) dwar id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157).

²⁸ Sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, Brussels Hoofdstedelijk Gewest *et* (C-275/09, EU:C:2011:154, punt 37).

²⁹ Konstatazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tad-19 ta' Awwissu 2019, Cummins vs L-Irlanda (il-barriera ta' Trammon) (ACCC/C/2013/107, ECE/MP.PP/C.1/2019/9, punt 85).

³⁰ Ara l-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità tal-4 ta' Ottubru 2018, Stichting Greenpeace Netherlands vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (l-impjant nukleari ta' Borssele) (ACCC/C/2014/104, ECE/MP.PP/C.1/2019/3, punti 65, 66 u 71), u tas-26 ta' Lulju 2021, OEKOBUEO *et* vs Ir-Repubblika Ċeka (l-impjant nukleari ta' Dukovany) (ACCC/C/2016/143, ECE/MP.PP/C.1/2021/28, punt 104). Ara wkoll il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tad-19 ta' Awwissu 2019, Cummins vs L-Irlanda (il-barriera ta' Trammon) (ACCC/C/2013/107, ECE/MP.PP/C.1/2019/9, punt 79).

73. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa dawn iċ-ċirkustanzi konkreti.

V. Konklużjoni

74. Fil-qosor, nipproponi għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej għat-talba għal deċiżjoni preliminari:

L-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75 dwar l-emissjonijiet industrijali għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "bidla sostanzjali" ta' installazzjoni jinkludi wkoll tiġdid tal-perijodu ta' rimi ta' skart f'landfill mingħajr ebda bidla tas-superfiċji massima approvata tagħha jew tal-kapaċità totali permissibbli tagħha jekk it-tiġdid tal-permess ikun jista' jwassal għal effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent. L-effetti ambjentali addizzjonali huma kkaratterizzati mill-fatt li dawn għadhom ma ttiehdur inkunsiderazzjoni f'permess bikri tal-attività u tal-parteċipazzjoni pubblika għal din l-attività.